# GĦAR ILMA JIPPROVDI L-ILMA GĦAR-RABAT U GĦAL TA' KERĊEM FIS-SEKLU XIX



Fdalijiet tal-Akwedott

- 170 SENA MILL-INAWGURAZZJONI TAL-AKWEDOTT
- 130 SENA MILL-INAWGURAZZJONI TAL-FUNTANA FIĊ-ĊENTRU TA' KERĊEM

Jikteb: **Mons. Karm Borg** ©

IL-FDALIJIET TAL-AKWEDOTT LI MINN GĦAR ILMA KIEN IWASSAL L-ILMA LEJN IR-RABAT, HUMA PATRIMONJU STORIKU LI ĊERTAMENT HEMM BŻONN JITĦARES SEWWA BIEX MA JKOMPLIX JINQERED GĦALKOLLOX. HUMA FDALIJIET LI JFAKKRUNA, U LI JIRRIFLETTU L-ĦAJJA TA' MISSERIJIETNA FIS-SEKLI L-IMGĦODDIJA FEJN JIDĦOL ELEMENT TANT BŻONNJUŻ GĦALL-ĦAJJA TA' KULJUM BĦALMA HUWA L-ILMA.

L-impennn ewlieni tal-Ingliżi hawn Malta kien li jibdlu l-gżejjer Maltin f'kolonja fortizza.L-għan primarju tagħhom kien li jtejbu l-faċilitajiet militari. F'Għawdex b'mod partikulari għamlu tassew ftit biex jiżviluppaw l-infrastruttura. Huwa fatt li fl-ewwel erbgħin sena tal-ħakma Ingliża, f'Għawdex ma sar l-ebda proġett sinjifikanti biex itejjeb xi ftit il-qagħda imwegħra ta' misserijietna fuq dil-gżira. L-ewwel proġett ta' ċerta importanza f'Għawdex kien propju l-bini tal-akwedott li minn Għar Ilma kien iwassal l-ilma lejn ir-Rabat.

**L-Akwedott inawgurat fis-6 ta' Settembru 1843**

L-akwedott li kellu medda ta 2.25km beda jinbena fis-sena 1840 fi żmien il-Gvernatur Sir Harry Bouverie (1836-1843). F'dik is-sena kienet intefqet fuq dan il-progett, is-somma ta' sitt mija u disa' u disghin lira sterlina, disa' xelini u sold u nofs. Fuq dan il-progett ħadmu ħafna nies. Għal Għawdex kien barka. Fi ftit snin kien lest u ġie inawgurat nhar is-6 ta' Settembru 1843 fi żmien il-Gvernatur Sir Patriċk Stuart (1843-1847). Dakinhar deher għall-ewwel darba l-ilma minn għajn f'nofs Pjazza Savina fir-Rabat. F'dik is-sena fil-Belt ta' Għawdex dehru l-ewwel vitijiet tal-ilma, ħaga li żgur għenet mhux ftit għall-indafa tad-djar.

Imma ma kellux jgħaddi żmien wisq mill-inawgurazzjoni tiegħu, meta dan l-akwedott li kien ġab ħajja ġdida fir-Rabat, intlaqat minn maltempata qawwija

li ħakmet dawn il-gżejjer fl-1 ta' Jannar, 1857. Dakinnhar 48 arkata minn dan l-akwedott kienu waqgħu u saru ħerba. Izda l-Gvern li għaraf sewwa s-siwi ta' dan il-proġett ma ħalliex zmien jgħaddi biex jagħmel it-tiswijiet meħtieġa. F'dik is-sena stess ivvota s-somma ta' £292 biex jerġa' jitranġa l-akwedott li issa żgur in-nies tar-Rabat ma setgħux jgħaddu għalih.

**Estensjoni u Manutenzjoni**

Fis-sena 1858 insibu li l-Gvern kien ivvota £30 biex l-akwedott jiġi kkomunikat ma' tank tal-ilma fil-Kunvent tal-Kapuċċini. Hekk il-kumdità tal-ilma kompliet tiġi estiża għall-akbar kumdità tal-poplu.

Is-sena ta' wara, fl-1859, ġew ivvotati £80 biex tpoġġew fl-akwedott 330 pied ta' kanen tal-ħadid flok katusi tal-fuħħar li kien hemm oriġinarjament. Xi ftit jew wisq il-bini ta' arkati kien jistrieh u allura naturalment il-katusi kienu jixxaqqu u kien ikun hemm telf ta' ilma.

**Tinbena Funtana fir-Raħal ta' Kerċem fl-1883**

L-akwedott li fil-bidu kien maħsub li jwassal l-ilma ġieri fir-Rabat, maż-żmien sewa wkoll għar-raħal ta' Kerċem li f'dik l-epoka kien qiegħed jizviluppa b'mod mgħaġġel. F'dan ir-raħal il-popolazzjoni kienet qed dejjem tikber; fl-1871 diġa' kienu joqgħodu hawn 1073 persuna. B'kollox kien hawn 249 familja u 18 il-persuna li kienu joqgħodu għal rashom. Naturalment il-kumdità li kellhom il-familji tar-Rabat tefgħa ta' ġebla bogħod minnhom ħajret, biex ma ngħidx qanqlet l-għira tal-Kerċmin. U biex inkunu għidna kollox, anke għal dawk li kienu jgħixu fl-irħajjel ta' Santa Luċija l-Gvern kien diġa' għamlilhom xi ħaġa. Fl-1873 kien inbena ġibjun fl-għelieqi mtarrġa tal-għolja ta' Għar ilma u minn hemm eventwalment kien twassal l-ilma sal-pjazza tal-lokal fejn saret għajn pubblika li baqgħet teżisti sa madwar ħamsin sena ilu. Allura wieħed malajr jista' jifhem għaliex beda jinħass il-bżonn li tinbena funtana pubblika fiċ-ċentru tar-raħal ta' Kerċem. Din il-funtana – li fl-għamla tagħha kienet tixbaħ lil dik li fl-1881 kienet inbniet fi Triq ir-Republika kantuniera ma' Triq il-Kapuċċini fir-Rabat – difatti nbniet fi Triq San Girgor bejn Marżu u Awwissu 1883 u ġiet ikkomunikata mal-akwedott.



Il-Funtana ta' Kerċem kienet tixbah lil din li tinsab fir-Rabat

**Għallinqas issir Replika Tagħha**

Hawn nixtieq nagħmel parentesi. Illum din il-funtana ma għadhiex teżisti. Jgħidu li meta tneħħiet, kien hemm il-

ħsieb li terġa' tinbena fil-ġnien tal-gvern (illum imsemmi għal Ċensu Xiberras) li jinsab ftit metri bogħod minn fejn qabel kien hemm il-funtana. Hija ħasra li ma sarx hekk. U hawn nagħmel mistoqsija/suġġeriment: tista'forsi għallinqas ssir replika tagħha fl-istess ġnien? Barra li ssebbaħ Ġnien Ċensu Xiberras u l-ambjent tal-madwar, din tkun tifkira tal-ewwel għajn pubblika tal-għamla tagħha mwaqqfa fi żmien il-ħakma Ingliża fir-raħal ta' Kerċem.

Meta nbniet din il-funtana għall-missirijietna kien naqas, jew ħa ngħidu kien ittaffa ħafna, problema fost hafna li kienu jtaqqlulhom ħajjithom: dak il-ġarr tal-ilma għax-xorb u għall-ħasil mill-Għajn tal-Lunzjata jew minn Għajn Tuta. Dawn ta' l-aħħar għadhom hemm sal-lum. Kemm l-Għajn tal-Lunzjata li twaqqfet minn Erkole Martin Testaferrata fl-1698 fi żmien il-Granmastru Perellos, u kemm dik ta'Għajn Tuta, f'dawn l-aħħar snin ġew restawrati u jinsabu fi stat tajjeb. Fihom infushom dawn iż-żewġ għejjun huma monumenti storiċi li jfakkru lil min waqqafhom. U dan naturalment, barra s-servizz li għadhom jagħtu lill-bdiewa li għandhom raba' saqwi fil-qrib sal-ġurnata tal-lum.

**Ivvutati £141 għall-Funtana f'Ta' Kerċem**

Nergħu pass lura. L-ilma issa kien twassal saċ-ċentru ta' Kerċem minn Għar Ilma. Imma kemm sewa lill-gvern ta' Malta il-proġett tal-funtana? Għal dan il-proġett b'risq il-Kerċmin kienet ivvutata s-somma ta'£141, somma sabiħa ħafna għal dawk iz-zminijiet. Minnha ntefqu £130. Dawn tħallsu għat-tqattigħ ta' trinek (370 qasba), kanni tal-ħadid tal-pulzier, trasport tal-kanni minn Malta permezz tad-dgħajsa ta' Andrea Hili, ġebel, pagi eċċ. Ta' min jgħid li għal ħafna snin, din il-funtana swiet mhux biss għall-ilma tax-xorb u t-tindif tad-djar tar-raħal, imma wkoll biex il-bdiewa setgħu jisqu l-bhejjem tagħhom : zwiemel, bgħula, ħmir,u mrieħel kbar ta' mogħoż u nagħaġ li kienu kuljum jgħaddu minn Triq San Girgor fi triqthom għax-xogħol jew għall-mergħa fl-inħawi ta' Qasam San Pawl u Santa Luċija.

Minn żmien għal żmien, fuq l-akwedott kienu jsiru alterazzjonijiet, tiswijiet, u manutezjoni biex l-ilma, li dejjem kien prezzjuz għall-pajjizna, ma jintilifx. Hekk pereżempju fis-sena 1884, sena wara li nbniet il-funtana f'Ta' Kerċem, insibu li l-Gvern ivvota £191 biex jitpoġġew 1500 pied ta' kanen tas-6 pulzieri flok il-kanali tal-ġebel li kien għad hemm fl-akwedott biex l-ilma jasal mingħajr ħafna telf sa Ta' Kerċem u sar-Rabat.

**Obelisk li Jfakkar il-Bini tal-Akwedott**

Dan il-proġett, għall-misserijietna kien barka kbira. L-ilma bħall-ħobz, huwa ħtiega li għaliha l-bniedem ma jgħaddix. Mhux ta' b'xejn li fis-sena 1878 ġew ivvotati £18 għat-twaqqif ta' obelisk bi skrizzjoni fuq l-irħam, fuq it-tank fil-foss tal-Kastell sabiex jitfakkar il-bini tal-akwedott.

Tkun allura ħaġa xierqa u sewwa jekk il-fdalijiet (u l-ġrajja) li sal-lum għadu jfakkar dan l-obelisk jitħarsu u jiġu kkurati b'manutenzjoni f'waqtha, biex ma jkomplux jinqerdu ftit ftit, kif diżgrazzjatament ġralhom tant fdalijiet storiċi oħrajn li kienu jitfgħu dawl fuq il-ħajja soċjali tal-antenati tagħna.

**Bibliografija:**

Malta Government Gazzette .
Gozo National Archives, Expense Ledger (1879-1884) tal-P.W.D.
Census of Malta and Gozo, 3 May 1871, abstract 36.